MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 2534/1999/1

**Maltacom p.l.c.**

**vs.**

**Mary Mizzi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi skond id-dokument relattiv anness u markat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c.), il-konvenuta ghandha taghti lis-socjetà attrici s-somma ta' elf, sebgha mija u tnax-il lira

Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1712.36) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon relattivi ghall-linji bin-numri sitta, tmienja, sitta, hamsa, erbgha, zero (686540), bil-klijent numru tlieta, tlieta, sitta, zero, tmienja, zero (336080); illi l-konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti; illi dan id-dejn, huwa cert, likwidu u ezigibbli; talbet ghaliex dik l-Qorti m'ghandhiex (1) tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjetà attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; (2) tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elf sebgha mija u tnax-il lira Maltija u sitta u tletin centezmu (Lm1712.36); bl-ispejjez, inkluzi dawk tat-taxxa tal-VAT fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata mill-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil, u l-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok mhuwiex minnu illi n-numru tat-telefon kwotat mis-socjetà attrici fic-citazzjoni taghha jappartjeni ghall-konvenuta u dan kif ser jirrizulta mill-kontijiet li kienu jintbaghtu mill-istess socjetà attrici;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjetà attrici ma huwiex dovut mill-konvenuta;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti laqghet it-talba tas-socjetà attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta, u dana wara illi kkunsidrat hekk:

**"Rat li l-konvenuta ma resqitx provi. Rat li ma saret ebda talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;**

**"Illi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;"**

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuta illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li dina l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta appellanti u tichad it-talbiet tas-socjetà attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-istess socjetà attrici;

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici appellata illi biha ssottomettiet illi s-sentenza appellata hija ekwa u gusta u timmerita illi tigi konfermata, bl-ispejjez kontra l-konvenuta appellata;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenuta appellanti kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
1. Illi l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fuq il-provi prodotti mis-socjetà appellata biss u injorat il-provi prodotti mill-konvenuta;
2. Illi hija mhix responsabbli ghall-hlas ta' l-ammont reklamat fl-att ta' citazzjoni ghaliex, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… in-numru tat-telefone 68 85 40 ma kienx registrat fuq Mary Mizzi izda fuq Mark Mizzi";

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel (1) aggravju, huwa veru illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet illi l-konvenuta ma ressqitx provi, izda huwa veru ukoll illi l-provi kollha mressqa mill-konvenuta quddiem dik il-Qorti jikkonsistu fid-dikjarazzjoni guramentata taghha akkompanjanti n-nota ta' eccezzjonijiet. F'din id-dikjarazzjoni guramentata taghha l-konvenuta qalet biss hekk:
"1. Illi fl-ewwel lok mhuwiex minnu illi n-numru tat-telefon kwotat mis-socjetà attrici fic-citazzjoni taghha jappartjeni

ghall-konvenuta u dan kif ser jirrizulta mill-kontijiet li kienu jintbaghtu mill-istess socjetà attrici;
2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont mitlub mis-socjetà attrici ma huwiex dovut mill-konvenuta;"

Issa, l-ewwel Qorti, peress li kien hemm kontestazzjoni, iddifferiet il-kawza ghall-provi ta' l-atturi ghas-6 ta' Marzu, 2000. Fis-6 ta' Marzu, 2000, il-konvenuta ma dehritx, u l-Qorti iddifferiet il-kawza ghall-provi tal-konvenuta ghall-10 ta' Mejju, 2000. <u>Fl-10 ta' Mejju, 2000, il-konvenuta regghet ma dehritx</u>, u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-31 ta' Mejju, 2000, meta effettivament inghatat. Ghalhekk il-konvenuta kellha kull opportunita` li tressaq il-provi taghha, izda baqghet ma resqithomx.

Illi huwa tajjeb illi jigi rilevat illi, filwaqt illi minn naha wahda quddiem l-ewwel Qorti l-konvenuta ma pproducietx il-kontijiet illi semmiet fid-dikjarazzjoni guramentata taghha appena citata, min-naha l-ohra l-ewwel Qorti kellha quddiemha d-dokument esibit mis-socjetà attrici u illi jinsab a fol. 7 tal-process illi minnu jirrizulta illi l-linja tat-*telephone* in kwistjoni hija registrata f'isem Mary Mizzi, il-konvenuta;

Illi, ghalhekk, dina l-Qorti m'ghandiex dubbju illi kieku l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta xorta wahda kienet tasal ghall-istess konkluzjoni illi waslet ghaliha fis-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:

Illi sabiex issostni dak illi ssottomettiet fit-tieni (2) aggravju taghha, jigifieri illi l-linja tat-*telephone* in kwistjoni hija registrata f'isem Mark Mizzi u mhux f'isimha, il-konvenuta esibiet ghaxar (10) dokumenti mar-rikors ta' appell taghha. Disgha (9) minn dawn id-dokumenti (markati DK1 sa DK9) huma kontijiet dwar il-linja tat-*telephone* in kwistjoni mahruga mis-socjetà attrici u indirizzati lil Mark Mizzi. L-ahjar prova dwar f'isem min hija registrata l-linja in kwistjoni ma tikkonsistix f'dawn il-kontijiet izda

tikkonsisti f'dik fornita mis-socjetà attrici permezz tad-dokument a fol. 7, illi già saret riferenza ghalih aktar 'l fuq, liema dokument huwa intitolat "AGREEMENT FOR THE INSTALLATION AND USE OF A TELEPHONE EXCHANGE LINE". Minn dan id-dokument, kif già inghad, jirrizulta illi l-linja tat-*telephone* in kwistjoni hija registrata mas-socjetà attrici f'isem il-konvenuta. Id-dokument l-iehor esibit mar-rikors ta' appell - illi huwa ittra ndirizzata lis-socjetà attrici mill-konsulent legali tal-konvenuta - *se mai*, idghajjef it-tieni aggravju tal-konvenuta ghaliex, ghalkemm f'din l-ittra issir riferenza ghall-kontijiet in kwistjoni, fiha l-konvenuta ma tallegax illi l-linja in kwistjoni mhix registrata f'isimha;

Illi, konsegwentement, it-tieni (2) aggravju tal-konvenuta appellanti huwa nfondat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuta appellanti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------